**Sistema ta' Ħlas bejn il-Banek**

Iċ-ċirkulazzjoni ordnata ta' flus fis-sistema finanzjarja tiddependi fuq arranġament effiċjenti ta' trasmissjoni, ikklerjar u issetiljar ta' pagamenti f'ambjent li huwa mingħajr riskji. Għalhekk, il-banek ċentrali madwar id-dinja għandhom jipprovdu arranġamenti għall-issetiljar fil-ħin u sigur ta' pagamenti lokali ta' valur kbir, u kien għalhekk li l-Bank Ċentrali ta' Malta waqqaf il-MaRIS.

MaRIS waqfet topera fil-31 ta' Diċembru 2007 hekk kif Malta daħħlet l-euro. Il-Bank Ċentrali ta' Malta ilu jopera t-TARGET2Malta, li tagħmel parti mit-TARGET2, mid-19 ta' Novembru 2007.